**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Lulju, 2018

Rikors numru : 221/18 AL

**AB**

u

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie guramentat miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi l-kontendenti kienu zzewgu nhar wiehed u ghoxrin (21) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) [**Dok A**];

Illi l-partijiet ilhom jghixu huma separati *di facto* minn Frar 2014 u sussegwentament sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Analise Micallef datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017)[**Dok B**] u qatt ma regghu rrinkonciljaw;

Illi miz-zwieg hawn fuq imsemmi twieldu zewgt itfal Z li ghandu sitt snin u Y li ghandha tlett snin u nofs ;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi huma m'ghandhomx assi komuni bejniethom;

Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu li din il-Qorti sabiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Mejju, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-28 ta' Gunju, 2017 u de facto separati minn Frar 2014;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.